



Brussell, 20 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

13114/18

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0353 (NLE)

---

**AELE 55**  
**EEE 44**  
**N 56**  
**ISL 42**  
**FL 42**  
**MI 716**  
**EF 253**  
**ECOFIN 917**  
**DROIPEN 156**  
**CRIMORG 131**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem I-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda  
tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implementazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>1</sup> ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Bis-sahħha tal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness IX għal dak il-Ftehim, li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Id-Direttiva (KE) Nru 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

---

<sup>1</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

<sup>3</sup> Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tkhassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

- (5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1675<sup>1</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (7) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet mehmużin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

---

<sup>1</sup> Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidher id-direttiva kollha (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1).

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata, fissem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ABBOZZ

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../...**

**ta'...**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006<sup>1</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE)
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 2015/847 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX għal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ġu L 141, 5.6.2015, p. 1.

## *Artikolu 1*

L-Anness XI għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 23ba (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"32015 R 0847:** Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (OJ L 141, 5.6.2015, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

B'deroga mill-Artikoli 4 u 6, fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi fi Franki Svizzeri fil-Liechtenstein u minn u lejn il-Liechtenstein fi ħdan l-Unjoni Monetarja tiegħu mal-Isvizzera, l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 4 u 6 għandha tinġabar u tkun disponibbli meta mitluba mill-fornitur ta' servizzi ta' ħlas tal-benfċċjarju fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, iżda mhux neċċessarjament tkun trasferita immedjatament mat-trasferimenti tal-fondi kif previst fl-Artikoli 4 u 6. Din id-deroga għandha tkun applikabbli għal perjodu transitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022."

2. Jithħassar it-test tal-punt 23d (ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/847 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

## *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...<sup>1</sup> [li tinkorpora AMLD IV (celex 32015L0849) fil-Ftehim ŻEE], skont liema data tkun l-iżjed tard.

---

<sup>1</sup> ĠU L ...

\* [Ma hu indikat ebda rekwiżit kostituzzjonal.] [Rekwiżiti kostituzzjonal indikati.]

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fī Brussell,

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

ABBOZZ

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../...**

**ta' ...**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE<sup>1</sup> għandha jiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tħassar id-Direttiva tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE<sup>4</sup>, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

---

<sup>1</sup> ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

<sup>2</sup> ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

<sup>4</sup> ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29.

## *Artikolu 1*

L-Anness XI għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 23b (id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"32015 L 0849:** Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tkompsar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

(a) Il-punt (d) tal-Artikolu 3(4) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fejn tkun mill-inqas serja, kif definit hawn taħt:

(i) fir-rigward tal-infiq, kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonali li għandhom x'jaqsmu ma':

- l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett l-appoprjazzjoni jew iż-żamma bla dritt ta' fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew mill-baġits amministrati minn, jew fisem, l-Unjoni Ewropea,
- in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,
- l-użu ħażin ta' tali fondi għal skopijiet oħra għajr dawk li għalihom ġew mogħtija oriġinarjament;

- (ii) fir-rigward ta' dħul kif imfisser fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi prorrji tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup> kull att jew omissjoni maħsuba li għandhom x'jaqsmu ma':
- l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li jkollhom bħala effett it-tnaqqis illegali tar-riżorsi tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropej jew ta' baġits amministrati minn, jew fisem, l-Unjoni Ewropea,
  - in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,
  - l-użu ħażin ta' xi benefiċċju miksub legalment, bl-istess effett.

Biex jitqies bħala frodi serju, il-frodi għandu jinvolvi ammont minimu ffissat li ma jaqbiżx l-EUR 50 000.”

2. It-test tal-punt 23ba (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE) huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"32016 R 1675:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1)."

---

<sup>1</sup> ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

3. Jiżdied l-inċiż li ġej fil-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"- **32015 L 0849**: Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)."

### *Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva (UE) 2015/849 u tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fí [...], dment li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

---

\* [Ma hu indikat ebda rekwiżit kostituzzjonal.] [Rekwiżiti kostituzzjonal indikati.]

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fī Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE  
Il-President*

*Is-Segretarji  
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*